A.L. 16 ta' l-1990

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u bl-artikolu 28 ta' l-Att Nru. IX ta' l-1989, il-Prim Ministru flimkien mal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1960 dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 20 ta' l-1960.

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-prezzijiet murija fuq il-pjanti jkunu l-oġħla prezzijiet.

5. Id-detentur tal-liċenza ta' teatru ma għandux jitlob jew jipprova jitlob, għad-dħul f'xi post fit-teatru tiegħu, prezz oġħla minn dak muri dwar dak il-post fil-pjanta mqegħda f'post fejn tidher skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3.".

Ihassar l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiħassar.